# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Hubert Cini)

Vs

Nicholas Catania

Kumpilazzjoni nru. 477/17

6 ta' Dicembru, 2022

**Il-Qorti**

Rat

Illi l-imputat Nicholas Catania, ta` 36 sena iben Raymond u Tania xebba Formosa imwieled Pieta fit 08/03/82 u resident Ent G, Flt 1, Bija Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi ID Card numru 148882M, mobile number 79086356, akkuzat talli fit-30 ta` Awisssu, 2017 ghall-habta tal-16:30 hrs gewwa Kordin Paola Malta ikkommetta serq ta'

wires u cables ghad dannu ta` EneMalta Corporation ghal valur ta' inqas minn Ewro 232.94 liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-lok u dan bi ksur tal-Artikolu 261 263 269(d) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom bi ksur tal- artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ta' Malta Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tittratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal- artikoli 49,50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Nicholas Catania u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Fil-15 ta` Mejju, 2018 inqraw l-akkuzi bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet.

Illi fis-seduta tas 26 ta' Frar, 2019 il-Qorti ghalqet l-provi tal-prosekuzzjoni fuq il-provi li diga kien hemm stante li l-prosekuzzjoni mhux interessata li ggib provi.

Illi l-prosekuzzjoni intavolat talba fit-28 ta` Frar, 2019 sabiex tressaq aktar provi, illi r-risposta tad-difiza ghall-istess giet intavolata fis-6 ta' Marzu, 2019. Illi fl-1 ta` Dicembru, 2020 saret trattazzjoni ulterjuri fit-23 ta` Frar, 2021 saret ir-replika tad-difiza rigwardanti r-rikors intavolat fit-28 ta` Frar, 2018 mill-prosekuzzjoni.

Illi din it-talba giet michuda stante li kien hemm diversi seduti fejn il-prosekuzzjoni ma ezebietx provi u l-prosekuzzjoni ma ezebietx r-riferti rigwardanti xhieda kif ordnata mill-Qorti.

Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2022 il-Qorti ghalqet il-provi tad-difiza.

Rat l-atti u l-provi u x-xhieda kollha;

Rat l-artikoli 261 263 269(d) 334  49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li il-kawza kienet iddifferita illum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel seduta tal-14 ta` Novembru, 2017 il-prosekuzzjoni ma resqietx provi

Illi fis-seduta tal-20 ta` Frar, 2018 l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova.

Illi fis-seduta tal-15 ta` Mejju, 2018 l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova hlif li inqraw l-akkuzi bil-gurament u l-imputat sarlu l-ezami u wiegeb li mhux hati.

Illi fis-seduta tas-6 ta` Novembru, 2018 il-prosekuzzjoni ma resqietx provi.

Illi fis-seduta tas-26 ta` Frar, 2019 l-Qorti ghalqet il-provi tal-prosekuzzjoni stante n-nuqqas ta' interess tal- Prosekuzzjoni li ghall-darba ohra ma resqu l-ebda provi.

Illi l-prosekuzzjoni intavolat talba fit- 28 ta` Frar, 2019 sabiex tressaq aktar provi, illi r-risposta tad-difiza ghall-istess giet intavolata fiis-6 ta' Marzu, 2019. Illi fl-1 ta` Dicembru 2020 saret trattazzjoni ulterjuri u fit-23 ta` Frar, 2021 saret ir-replika tad-difiza rigwardanti  r-rikors intavolat fit-28 ta` Frar, 2018 mill-prosekuzzjoni.

Illi din it-talba giet michuda stante li kien hemm diversi seduti fejn il-prosekuzzjoni ma ezebietx provi u l-prosekuzzjoni ma ezebietx r-riferti rigwardanti xhieda  kif ordnata mill-Qorti .

Illi ghal diversi seduti fejn naqas li jidher l-imputat jew ma kienx assistit u fil-5 ta' Ottubru, 2022 inghalqu l-provi tad-difiza u l-kas giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Li kien hemm nuqqas serju kemm ta' provi u ta' interess da parti tal-prosekuzzjoni u finalment ukoll tad-difiza li wasslu sabiex il-Orti stess ghalqet il-provi kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tald-difiza.

Ghaldaqstant peress li ma hemmx il-grad ta' provi rikjest fil-ligi fil-kamp kriminali tillibera l-imputat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur